**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 29 – IT-TNEJN, 14 TA’ DIĊEMBRU 2020 FIL-5.35pm**

Il-Kunsill iltaqa’ via Skype.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joe Aquilina | Kunsillier (5.45pm) |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| David Dalli | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 28**

1.1 Is-Sur Trevor Fenech ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Tania Borg issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 28**

2.1 Dwar paragrafu 5.10, is-Sur Dominic Cassar staqsa dwar jekk il-wisa‘ minima ta‘ bankina hijiex 1.7 metri. Hu ġie nfurmat li hija 1.2 metri.

2.2 Dwar paragrafu 5.2, is-Sur Anthony Mifsud Bonnici staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq din. Hu ġie nfurmat li ma kienx hemm.

Is-Sur Joe Aquilina daħal għal-laqgħa fis-5.45pm.
.

**3 Pagamenti Numru 30**

3.1 Is-Sinjura Tania Borg ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Joe Aquilina ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-sanitizing packs waslu u li ser jiġu ffinanzjati mir-Reġjun Ċentru. Dawn għandhom jitqassmu lit-tfal tal-iskola.

4.2 Dwar l-ikla tal-Milied, ġiet innutata korrispondenza mid-DLG li minflok din ma jistax jinxtraw hampers u lanqas isiru donazzjonijiet. Għalhekk kien hemm qbil li l-ikla ssir fis-7 ta' Jannar 2021. Kien hemm qbil li l-ikla ssir fir-Restaurant Step 15 peress li dan kien lest li jagħlaq il-ħanut waqt l-ikla tagħna għal klijenti oħra u għalhekk inkunu inqas esposti għal persuni oħra.

4.3 Dwar l-AGM, kien hemm qbil li nimxu mal-linji gwida tad-DLG.

4.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għamel laqgħa ma' rappreżentati minn PA u Ambient Malta dwar l-proċedura biex issir GreenWall f'San Ġwann. Il-Kunsill qabel ma' dan il-prinċipju u qabel li dan għandu jsir fi Triq Bellavista fejn illum hemm il-mural.

4.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġiet reġistrata oġġezzjoni għal permess fi Triq il-Propostru għal żvilupp ta' kamra u intbagħat kumment ukoll fuq talba għal permess f'Wied Għomor. Din tal-aħħar hija għal sanctioning ta' stables. Il-Kunsill ma oġġezzjonax ghax stables f'ODZ hija skont ir-regola, imma l-Kunsill insista li dawn għandhom jintużaw biss bħala stables u jkunu miksijin bl-injam skont il-liġi.

4.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill bil-fondi mir-Regjun Centru biex jinxtraw l-maskri ghar-residenti.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar il-kwotazzjonijiet miġbura għal servizzi ta' Accountant. Kien hemm qbil li tintgħażel l-irħas offerta tas-Sur Mario Gauci.

5.2 Kien hemm diskussjoni dwar id-deċiżjoni tal-Qorti dwar mandat fuq it-tender tal-knis. Il-Kunsill għandu jkompli jevalwa t-tender preżenti u jiġi magħżul it-tieni bidder li hemm fuq ir-rapport tal-evalwazzjoni.

5.3 Dwar it-tender tal-ġonna kien hemm qbil li dan jiġi approvat u jiġi awarded lill-bidder magħżul fir-rapport.

## 6 Affarjiet Ohra

6.1 IS-Sinjura Tania Borg staqsiet dwar f'hiex waslet il-proċedura għal post ta' Clerk mal-Kunsill. Hi ġiet nfurmata li waslet għand Jobsplus biex jissejħu Part 1. Hi ssuġġeeriet biex issir xi attività għaż-żgħażagħ. Kien hemm qbil li hi għandha taħseb fuq xi proposti u tipproponihom lill-Kunsill f'laqgħa oħra.

6.2 Is-Sinjura Violet Bajada staqsiet jekk id-dog park huwiex qiegħed jiġi mnaddaf regolari. Il-Kunsill ġie nfurmat li iva li dan jiġi mnaddaf regolari.

6.3 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici nforma lill-Kunsill li hemm tabella No Entry nieqsa fi Triq San Franġisk kantuniera ma' Triq in-Naxxar. Kien hemm qbil li din issir.

6.4 Is-Sur Dominic Cassar reġa' fakkar li hemm bozza fuq pole tal-Enemalta li għandha ħsara taħt l-art fi Triq ir-Rand kantuniera ma' Triq iċ-Ċawsli. Kien hemm qbil li ssir oħra mill-Kunsill wall mounted. Hu nforma lill-Kunsill li hemm siġra mwaqqa' biex titnehha fi Triq Akaċja

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.35pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 11 ta' Jannar 2021 fil-5.30pm

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Trevor Fenech**
**Sindku**